# Il-Ħadd 7.01.2018

1. Illum 7/01, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fl-10:00am – Quddiesa li fiha nilqgħu is-Slaten Maġi u li għaliha qed inħeġġu biex jattendu persuni li ġew joqgħodu Ħal Safi dan l-aħħar, kif ukoll persuni ta' nazzjonalità barranija, jiġifieri mhux Maltija, li joqgħodu fil-lokalità tagħna, ta' Ħal Safi.

2. It-Tnejn 8/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**:
   - Terġa' tibda d-duttrina fil-ħinijiet u l-ġranet tas-soltu.

3. Is-Sibt 13/01:
   - Fil-5:30pm – Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena, 2018.
   - Fid-9:00pm – Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-Bażilika ta' Sant'Elena, B'Kara.

4. Il-Ħadd 14/01, **Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra:
   - Mit-Tlieta 09/01 sal-Ħamis 11/01, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq minħabba li bħala Kappillan, jien fid-dmir li nkun preżenti għal-Live-In tal-Kappillani li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.
   - Il-Kor 'Sine Macula' qed jistieden lil min għandu interess fil-mużika u fil-kant biex jagħmel prova ċkejkna ħalli jissieħeb miegħu bħala membru ġdid. M'hemmx għalfejn għarfien sħiħ tal-mużika f'dan l-istadju. L-għarfien u t-taħriġ jingħataw b'xejn ladarba jkun hemm sħubija.
     Min hu interessat javviċina lil Mro Alexandra Borg (Email: alexe@maltanet.net)
     jew jinforma lill-Kappillan (Email: parrocca.safi@maltadiocese.org / Tel.: 21 649 223)
     sabiex jingħata aktar dettalji.
   - Nirringrazzjaw lill-ħwienet u lil dawk kollha li matul Diċembru taw xi affarijiet tal-ikel f'inizjattiva ta' karità, biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn. Imlejna 7 kaxxi.
   - Fil-Fond li ftaħna biex min irid jagħti donazzjoni li tissarraf f'rigal favur il-ħajja, hekk kif suġġerit minn Missio-Malta fil-Flimkien ta' Diċembru, nġabret is-somma ta' € 150. B'hekk ser noffru edukazzjoni għal sena lil tifel jew tifla fil-bżonn.
   - F'isem id-Direttur u l-Istaff tad-Dar tal-Provvidenza nirringrazzjawkom tal-għotja sabiħa li għamilna bħala parroċċa li kienet € 750 (€ 50 minnhom mill-Każin San Pawl). Dan kollu minn ġabra waħda u diversi donazzjonijiet li baqgħu deħlin nhar l-ewwel tas-sena. Grazzi u prosit tal-ġenerożita' tagħkom.

6. Nitolbu għal Maria Barber li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...